## RAPPORT

### ISTITUT FORMAZZJONI PASTORALI

### ĠUNJU 2014

## DAĦLA

Għan ewlieni ta' l-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI (IFP), li twaqqaf frott is-Sinodu Djoċesan fl-Lulju tas-sena 2005, joħroġ mill-fatt li l-Knisja f'Malta, fil-ħidma tagħha ta' evanġelizzazzjoni, tagħraf bħala impenn urġenti l-formazzjoni tal-membri tagħha: "Hi meħtieġa formazzjoni solida u profonda, kontinwa u aġġornata għall-insara kollha Maltin" – (preż *Kultura, Soċjeta' u Knisja*); "Hi meħtieġa formazzjoni soda" – (*Xandir tal-Kelma* 28, 30); "immirata prinċipalment għall-operaturi pastorali" – (preż; *Xandir tal-Kelma*).

Is-sejħa li ħarġet mis-Sinodu Djoċesan uriet biċ-ċar li waħda mill-ikbar sfidi li għandha quddiemha l-Knisja f'Malta hi dik li tipprepara Nsara – b'mod partikolari dawn li jridu jkunu impenjati pastoralment – għall-ħtigijiet veri tar-realtà soċjali u ekkleżjali kif inhi llum. Fid-dawl tas-Sinodu, il-Knisja trid toffri wkoll attenzjoni għal spazji formattivi ma' dawk il-persuni u gruppi fis-soċjetà li, għalkemm mhumiex direttament impenjati pastoralment, iħossu l-ħtieġa li fit-twettiq tal-ħidma jew tal-professjoni tagħhom jagħmlu kuntatt kontinwu u profond ma' Kristu u mal-Knisja tiegħu.

L-IFP għalhekk irid jipprovdi formazzjoni ħolistika kif meħtieġa lill-membri kollha tal-komunità kattolika f'Malta. Fl-isforz sabiex tissaħħaħ l-identità ta' din il-komunità ta' aħwa, l-Istitut irid: joffri opportunitajiet ta' (a) formazzjoni permanenti, u (b) ta' esperjenzi spiritwali; (ċ) jippromwovi l-formazzjoni professjonali tal-operaturi pastorali għat-twettiq tal-ministeri u tal-ħidmiet tagħhom; (d) kif ukoll jipprovdi esperjenzi ta' djalogu mas-soċjetà Maltija.

L-IFP dejjem fittex fuq kollox li joħloq qafas u ħidma li tesprimi l-viżjoni tas-Sinodu Djoċesan. Din kienet u hija esperienza ekkleżjali sabiħa. Bħala Bord, fittixna li ngħixu dan l-impenn bħala komunità, b'mumenti ta' talb u riflessjoni fuq il-kelma t'Alla kif ukoll mumenti soċjali u familjari li servewna bħala opportunitajiet ta' ispirazzjoni. Fil-fatt, kull sena nagħmlu irtir flimkien bħala bord. Dan wassal ukoll għal kollaborazzjoni sabiħa ma' tant aġenziji fi ħdan il-knisja u ma' tant persuni li bħalna jħobbu lill-Knisja u bħalna jixtiequ jarawha isbaħ u isħaħ. Dawn jinkludu:

- is-Segretarjat għall-Katekeżi,
- il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ,
- il-Kummissjoni Djoċesana Familja,
- iċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja,
- iċ-Ċentru ta' Spiritwalità Injazjana,
- iċ-Ċentru Animazzjoni Missjunarja,
- l-Opri Pontifiċji Missjunarji,
- il-Fakultà tat-Teoloġija,
- il-Moviment ta' Kana,
- l-Għaqda Bibblika Maltija

- iċ-Ċentru ta' Spiritwalità Karmelitana.
- l-Istitut Agostinjan
- iż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika,
- iċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni.

L-IFP jikkollabora wkoll man-*National Commission for Further and Higher Education Malta* (NCFHE) fejn qed jagħti sehmu fil-proġett dwar *Quality Assurance* li qed isir bħalissa. L-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali ġie mogħti l-liċenzja bħala Istitut Edukattiv ta' Livell Ogħla Il-korsijiet li joffri l-IFP huma akkreditati ċivilment.

L-IFP ma jridx jibni xi realtà esklussivament tiegħu imma jfittex biss li jsostni, jikkollabora u jagħmilha possibbli li noħolmu flimkien.

Irridu li l-imħabba tagħna lejn il-Knisja nkomplu nfittxu li nittraduċuha f'impenn apostoliku u proposti pastorali li jitwieldu fi djalogu ma' min jesprimi l-bżonn tagħhom u fl-istess waqt iħoss li jkun mgħejjun u sfidat minnhom.

Irridu nkomplu nagħtu mportanza kbira lill-kollaborazzjoni ma' tant aġenziji fi ħdan il-knisja u ma' tant persuni li bħalna jħobbu lill-Knisja u bħalna jixtiequ jarawha isbaħ u isħaħ.

Inħarsu lejn il-ġejjieni b'tama qawwija għax dan kollu huwa xogħol il-Mulej, li assigurana li se jibqa' magħna sa l-aħħar taż-żmien.

## MEMBRI TAL-BORD

Il-membri tal-Bord tal-IFP għas-sena 2013-14 kienu dawn:

- Fr Mark Sultana S.Th.L., Ph.D. (Greg.) - Direttur
- Ms Sarah Cremona B.A., P.G.C.E.
- Dr Nadia Delicata Ph.D. (Toronto)
- Fr Joe Galea Curmi S.Th.D. (Lat.)
- Dr Adrian-Mario Gellel D.Sc.Ed. (UPS)
- Ms Louise Laferla MA (Theol.)
- Sr Marie Scicluna RSCJ -MA Biblical Studies (London)

## PROPOSTI MWETTQA

Matul is-sena 2013–2014, l-IFP kien impenja ruħu f'dawn il-proposti formattivi li ġew imwettqa:

1. Bħalma saru għal dawn l-aħħar seba' snin, f'kollaborazzjoni mal-Kunsill tal-CARITAS, thejjew żewġ *seminars* ta' nofs ta' nhar għall-membri professjonali u dawk impenjati fl-amministrazzjoni fi ħdan l-stituzzjonijiet tad-djakonija. Għall-ewwel seminar, li sar ghand il-Klarissi nhar it-Tlieta 29 u l-Erbgha 30 ta' April, attendew madwar 50 persuna. L-esperjenza fil-kunvent tas-sorijiet ta' Santa Klara kellha t-tema tal-*Hidma b'Mod Kontemplattiv*; għamilna esperjenza fis-silenzju (fi speci ta' pellegrinaġġ fil-post); smajna esperjenzi ta' sorijiet; u għarafna kif nisimgħu l-istorbju ta' go fina u wkoll 'il barra minna aħna u naħdmu, u kif nagħrfu

l-lehen ta' Alla prezenti wkoll ukoll jekk qalb l-istorbju. Għaldaqstant, dan is-*seminar* kellu l-iskop li jagħti dawl ġdid bil-mod ta' kif nħarsu lejn is-sofferenza. It-tieni seminar se jsir fid-Dar tal-Providenza nhar it-Tnejn 6 u l-Erbgħa 8 ta' Ottubru. L-esperjenza fid-Dar tal-Providenza se tiffoka fuq *Il-Vulnerabilità Tagħna* u tuża l-elementi ta' esperjenza minn persuna li taħdem hemm; riflessjoni (minn materjal ta' Fr Jean Vanier u minn Fr Cyril Axelrod); u pelleginaġġ (li tiffoka fuq il-karizma inkarnata fil-post).

2. Saru żewġ pellegrinaġġi ta' fidi fuq il-passi ta' San Pawl f'Malta. L-itinerarji kien jinvolvi: Grotta ta' San Pawl – il-Kappella ta' Bir Miftuħ – il-Kappella ta' San Pawl ġewwa Bormla. F'kull waqfa tal-pellegrinaġġ kien hemm spjegazzjoni qasira tat-tradizzjoni pawlina, qari mill-iskrittura, meditazzjoni, u eżerċizzju żgħir personali. Kien hemm 'gwida' ma' kull grupp li żammet l-ambjent ta' talb u riflessjoni ukoll matul il-vjaġġ minn post għall-ieħor. Iltqajna ilkoll ħdejn il-Knsija ta' San Pawl ir-Rabat biex ikollhom l-ispazju biex jidħlu fl-"identità" tal-fidi fil-providenza tal-Mulej li turi ruħha fl-istorja bħala "komunità" u jkollhom l-opportunità jaqsmu l-esperjenza tagħhom (fejn dan il-qsim ikun ifisser għamla ta' "missjoni" ma' xulxin u tisħiħ ta' fidi ta' xulxin). Kull parteċipant għamel mixja personali u seta' jaqsam elementi mill-mixja ma' oħrajn. Hemm il-ħsieb li jintoffru pellegrinaggi oħra matul is-sena li ġejja.

3. Flimkien mas-Segretarjat tal-Kleru u tal-Ħajja Konsagrata, is-Segretarjat għal-Liturġija u l-IFP ikkollaborajna fl-ippjanar ta' *Ġimgħa ta' Tiġdid Presbiterali* li sar bejn id-9 u s-16 ta' Novembru 2013 li matulha presbiteri djoċesani (attendew tmien sacerdoti) ikollhom spazju għal riflessjoni personali, qsim ta' idejat u fraternità dwar l-identità u l-missjoni tal-presbiteru. Hem il-hsieb li din l-esperjenza terga' ssir bejn it-23 u t-30 ta' Novembru 2014.

4. Sar ukoll Kors għall-Kappillani mis-Segretarjat Parroċċi li sar nhar ta' Ħamis għal erba' ġimgħat wara xulxin. Kull gurnata gie ittrattat suġġett differenti fosthom; l'aspett uman minn Fr Dustin Xuereb; aspett aktar pastorali prattiku minn Fr Ray Toledo; l-aspett administrattiv minn Mons. Anton Gouder u Mons. Charles Cordina; u l-aspett spiritwali. Kienu preżenti bejn 10 u 8 qassisin għal din l-esperjenza, uħud minnhom Kappillani ġodda filwaqt li oħrajn kienu ġew trasferiti għall-Parroċċa ġdida.

5. L-IFP offra kors ta' formazzjoni *General Education Award in Evangelisation* fl-Unità Pastorali Sebgħa. Għal dan il-kors, ta' formazzjoni teoloġika bażika għall-operaturi pastorali fil-parroċċa u għal dawk li jmexxu għaqdiet u movimenti, attendew tnax-il operatur/a pastorali. Ta' min jgħid li l-*lecturers* f'dan il-kors huma kollha lajċi. Il-kors kien ferm apprezzat mill-parteċipanti u kien esperjenza li permezz tagħha qed tigi offruta opportunità ta' formazzjoni fuq firxa dejjem iktar wiesgħa. Fil-fatt hemm il-ħsieb li s-sena d-dieħla ha jigi offrut f'Unità Pastorali Tlettax.

6. F'kollaborazzjoni mas-Segretarjat għal-Liturġija, ġie offrut fuq livell djoċesan il-kors *Higher Education Award in the Liturgy*, kors ta' 28 ġimgħa intiż għall-membri tal-kummissjonijiet parrokkjali liturġija. Fil-fatt, dan il-kors – li kien beda bhala *A Short Introduction to the Liturgy* – gie imwessgħa u approfondi fuq domanda tal-parteċipanti u tal-parroċċa tas-Siġġiewi. Din is-sena, attendew 18-il persuna u hemm il-ħsieb li l-kors jerġa' jsir is-sena d-dieħla.

7. Għat-tielet darba, intoffra l-kors *Higher Education Award in Family Ministry* li jinkludi tmien krediti (erba' krediti fit-teoloġija tal-familja u erba' krediti fil-qasam tal-ministeru tal-familja). Dan il-kors ikkoordinawh u għallmu fih persuni li spicccaw l-*MA in Family Ministry*. Din is-sena dan il-kors temmewh 14-il parteċipant.

8. Fil-kamp taż-żgħażagħ u l-adolexxenti, l-IFP kompla joffri diversi proposti. F'kollaborazzjoni mal-KDZ u s-Segretarjat tal-Katekezi, rega' ġie offrut il-kors *Higher Education Award in Adolesċent and Youth Ministry*. Applikaw 15 parteċipanti (u segwew t-tieni sena tal-kors 7 parteċipanti). Saru wkoll tliet *seminars* (f'kollaborazzjoni mas-Segretarjat għall-Katekeżi u mal-KDŻ, u li għalihom attendew 70 parteċipant) li huma maħsuba li jservu ta' *on-going formation* għall-*Youth Leaders*.

9. Il-*Bank APS* isponsorja persuna fuq bażi ta' ħidma part-time biex il-KDŻ, flimkien tal-IFP, ikunu jistgħu jaraw il-perkors formattiv li qegħdin joffru movimenti u gruppi differenti sabiex jevalwaw u jsostnu dawn il-metodi formattivi fid-dawl tal-mappa formattiva. L'arranġament mal-APS għall-fondi ta 4000 Euro għal sena ġie iffirmat f' Marzu li għadda. Il-persuna li intagħżlet sabiex tagħmel dan ix-xogħol hija Ms Christine Rossi wara li saru interviews bejn dawk li applikaw.

10. Flimkien mal-Kummizzjoni Djocesana Żgħażagħ, iċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja u l-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi, l-IFP qed jikkollabora fi proġett li hu mmirat biex igħin lil żgħażagħ minn 16-il sena l-fuq (fis-Sixth Forms u fil-gruppi u fil-movimenti) jirriflettu fid-dawl nisrani dwar l-impenn politiku. Bħalissa qegħdin fl-ewwel fażi ta' dan il-proġett, li jfisser li noffru formazzjoni lill-għalliema li mbagħad ikunu jistgħu joffru formazzjoni lil dawn iż-żgħażagħ.

11. Ġew kkuntattjati Mr Joseph Gilson u Mr Albert Debono bl-iskop li jaħsbu f'riżorsi adatti għall-formazzjoni politika taż-żgħażagħ. Huma aċċettaw li joffru dan is-servizz.

12. F'kollaborazzjoni mas-Segretarjat għall-Katekeżi, f'Ottubru 2011, kien inbeda, għat-tieni darba, il-*Higher Education Award in Theology*. Minn dan il-kors, li hu fuq sentejn, din is-sena, spiċċaw l-ewwel sena 12-il parteċipant. Dan il-kors, li qed iservi biex jagħti introduzzjoni ġenerali għal temi u riflessjonijiet Teoloġiċi lil persuni attivi ħafna fil-komunità nisranija u li ma jistgħux jattendu kors l-Università.

13. Flimkien maċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja, l-IFP fis-sena 2014-15 se jerġa' jkompli l-kors ta' sitt *modules* dwar it-tagħlim soċjali tal-Knisja *Higher Education Award in Catholic Social Teaching*. Il-format ta' dan il-kors (wiehed jista' jiehu modules kemm jixtieq) u l-kontenut li fih jagħmluha faċli għal min jixtieq jesplora dan is-settur biex ikun iktar midħla tat-tagħlim soċjali tal-Knisja. Hija proposta li qed tkompli tilħaq persuni li jistgħu jagħmlu mpatt nisrani serju fil-kamp fejn qed jaħdmu. Normalment jattendu għal kull module ta' dan il-kors madwar 12-il persuna.

14. F'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju Pontifiċju Missjunarju, se jerġa' jinoffra l-kors *Higher Education Award in Missiology*. Dan il-kors, li hu twil sitt xhur u li jsegwi wkoll is-sena liturġika għandu l-ħsieb li japprofondixxi r-riflessjoni dwar it-teoloġija tal-missjoni, u l-ħtieġa tad-djalogu, il-proklamazzjoni u l-evanġelizzazzjoni. Din is-sena attendew bi frott 17-il-parteċipant/a.

15. Ġie offrut l-*Higher Education Award in Christian Leadership IV* (kors li jikkonsisti f'erba' modules, eżami miktub u ezami orali) lil grupp ta' 9 persuni li għandu jwassalhom għal Diploma. Din il-proposta, li tapprofondixxi l-viżjoni nisranija ta' tmexxija għal-lajċi *leaders* fi ħdan il-movimenti u l-għaqdiet, qed tkompli tiġi milqugħa tajjeb ħafna. Fil-fatt, is-sena d-dieħla se jerġa' jkunu offruti il-*Higher Education Award in Christian Leadership I.*

16. Sar għat-tieni darba l-*Higher Education Award in Parish Nursing*. Dan il-kors, li hu miftuħ għal dawk li huma infermiera għandu żewġ skopijiet: li jibda ministeru ta' djakonija fil-parroċċi tagħna fuq il-mudell ta' *community nursing* u li jħarreġ persuni li jkunu jistgħu iservu ta' *mentors* għall-*istudent nurses* fil-kors tal-università – dan bl-iskop li wieħed mill-possibiltajiet ta' *placements* għal dawn l-*istudent nurses* ikunu l-parroċċi. Attendew 4 persuni li temmew dan il-kors.

17. F'kollaborazzjoni maċ-Ċentru Spiritwalità Injazjana, din is-sena erġajna offrejna it-tielet sena tal-kors *Higher Education Award in Spirituality* li jwassal ghad-*Diploma in Spiritual Direction*). B'kollox, dan il-kors hu ta' tlett snin. Qed jattendu 28 persuna. L-esperjenza taċ-ĊSI f'dan il-qasam u l-kollaborazzjoni ma' l-IFP qed iwasslu għal proposta bżonnjuża u apprezzata f'dan is-settur. Qed isiru wkoll workshops u laqgħat *ongoing* li jghinu lil dawk li digà għamlu l-kors biex iżommu l-akkreditazzjoni tagħhom mac-ĊSI. Fl-istess waqt, qed issir riflessjoni wiesgħa kontinwa biex dan il-kors ikompli jittejjeb u biex il-gradwati ikunu jistgħu jagħtu kontribut siewi fil-knisja u fis-soċjetà.

18. Din is-sena ġiet introdott kors qasir bl-isem: *Cultivating Ethical Culture in Business Leadership.* Dan sar b'kollaborazzjoni mal-*Fundazzjoni Pro Pontefice Centisimus Annus* u mal-MISCO. L'għan ewlieni ta' dan il-kors kien sabiex wieħed jista' jiffamiljarizza l-parteċipanti mat-tagħlim soċjali tal-Knisja fejn jidhol business leadership , ikunu jistgħu jiddiskutu ċerti sitwazzjonijiet inspirati mit-tagħlim tal-Knisja u jaħdmu sabiex jsibu soluzzjoni kreattiva u etikament korretta. Dan il-kors kien ibbażat fuq metodu ta' case studies, bi preżentazzjoni qasir fil-bidu tas-sezzjoni. Għall dan il-kors attendew 16-il parteċipant għall sezzjoni fil-ġimgħa għall-10 ġimgħat. Dan il-kors huwa maħsub biex jerġa' jkun offrut fiż-żmien sentejn.

19. Din is-sena se jkunu temmew kors mal-IFP 165[1] parteċipant (minn 13-il kors differenti). Iċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni se ssir fis-Seminarju tal-Virtù nhar it-11 ta' Novembru 2014.

[1]Human Experience of God in Prayer – 20 parteċipanti
General Education Award in Evangelisation – 11-il parteċipant
Higher Education Award in Liturgy – 18-il parteċipant
Higher Education Award in Family Ministry – 14-il parteċipant
Higher Education Award in Youth Ministry – 7 parteċipanti
Higher Education Award in Catholic Social teaching – 2 parteċipanti
Higher Education Award in Missiology – 17-il parteċipant
Higher Education Award in Parish Nursing – 4 parteċipanti
Higher Education Award in Christian Leadership 2 – 5 parteċipanti
Higher Education Award in Christian Leadership 4- 9 parteċipanti
Higher Education Award in Spiritual Accompaniment – 28-il parteċipant
Kors qasir fil- Latin – 3 parteċipanti
KDZ: Co-Youth Leaders – 16-il parteċipant

20. Minbarra l-pellegrinaġġ pawlin li kien offrut lil kull parteċipant fil-korsijiet tal-IFP, kien offrut irtir ta' ġurnata abbinat ma' kull kors offrut mill-IFP. L-iskop hu li l-esperjenza formattiva tkun magħquda ma' mixja ta' dixxipulat b'talb personali u flimkien.

21. Ġie offrut ukoll seminar fil-metodoloġija lil kull parteċipant fil-korsijiet tal-IFP. L-iskop ta' dan is-seminar hu li l-parteċipanti jagħrfu kif oqsma differenti fit-teologija jidħlu flimkien u wkoll kif ifittxu materjal teoloġiku u kif jaqrawh u jikkwotawh.

22. Intemmet l-ewwel sena tat-tieni cohort tal-kors *MA in Business Ethics* li l-IFP, f'kollaborazzjoni mal-Fakultà tat-Teologija u mal-*Fundazzjoni Pro Pontefice Centesimus Annus*, kien ħadem fuqu. Qed jattendu 9 studenti li lkoll huma ferm motivati u jidher li l-kors serva għall-formazzjoni tagħhom u tat-tmien studenti li diga gradwaw b'mod li jmur lil hinn mill-isfera purament akkademika.

23. Djalogi fis-Soċjetà: kompliet il-ħidma biex il-*Palazz de Piro* jibda jintuża bħala ċentru ta' kultura nisranija. Fil-fatt, wara li s-sena l-oħra kellna programm intensiv iffukat fuq id-domanda "X'Soċjetà rridu?" bil-ħsieb li jiġu nvoluti persuni minn sferi differenti tas-soċjetà f'riflessjoni fuq 10 laqgħat li se tkun iggwidata mit-tagħlim soċjali tal-knisja, is-sena d-dieħla hemm il-ħsieb li dan il-process ta' *Converse* jitkompla u li jiffoka fuq "Ir-Rwol tar-Reliġjon fl-Isfera Pubblika". Saru numru ta' laqgħat b'riflessjonijiet minn Prof Paul Clough, Prof Salvino Busuttil, Rev Dr Joe Inguanez u Mr Chris Vella li kkontribwew papers dwar is-suġġett.

**ATTIVITAJIET U GRAJJIET OĦRA**

1. Sar irtir u '*reflect-in*' għall-membri tal-Bord bejn l-1 u t-3 ta' Lulju 2013 fiċ-Ċentru tal-Irtiri tal-*Brothers ta' De La Salle*, il-Mellieha.

2. Fit-12 ta' Lulju kienu mistiedna l-koordinaturi kollha tal-korsijiet tal-IFP (12-il kors). L-iskop kien li nkomplu nikbru fl-identità u fl-ispiritwalità tagħna bħala entità ekkleżjali u li nkomplu naħdmu biex il-korsijiet u s-seminars tagħna jkomplu jkunu esperjenza formattiva u ta' knisja għall-parteċipanti. L-attività, li kienet tikkonsisti f'mument twil ta' talb, mument ta' riflessjoni u f'mument ieħor fejn kilna xi ħaġa flimkien, serviet biex persuni u entitajiet differenti involuti fil-formazzjoni niltaqgħu, nitolbu u naqsmu mument soċjali flimkien. Hu maħsub li ssir attività oħra bħal din sal-ahhar tas-sajf 2014.

3. Saret ukoll attivita ghal-lecturers kollha (li jammontaw ghal 85) nhar is-6 ta' April fiċ-Ċentru tal-Konferenzi u fil-ġnien ta' dar il-Ħanin Samaritan. Attendew 35 ruħ. Il-programm kien jinkludi talb flimkien, riflessjoni personali, preżentazzjoni tal-Ethos u tal-metodoloġija tal-IFP u hin ta' diskusjoni. Wara kien hemm mument ta' ikel flimkien.

4. Saret laqgħa bejn il-membri tal-Bord ma' Mons Isqof Awżiljarju biex naqsmu miegħu ir-riflessjonijiet u l-ħidma tagħna u nisimgħu ir-riflessjonijiet u x-xewqat tiegħu.

5. Saret iċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni tal-istudenti li temmew kors. Din saret fit-12 ta' Novembru 2013 fis-Seminarju tal-Virtù, ir-Rabat. Iggradwaw 177 parteċipant minn ħdax-il kors differenti.

6. Minn Jannar 2014, l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali ġie uffiċjalment mogħti l-liċenzja bħala Istitut Edukattiv ta' Livell Ogħla mill-*National Commission for Further and Higher Education Malta*. Dan ir-rikonoxximent kien mogħti b'mod provviżorju imma se jsir permanenti minn Lulju 2014.

7. Twaqfet 'Facilitating Agency' bl-isem *Facilitating Agency for Ministry Integration* (F.A.M.I.). Dan il-grupp għandu rabta mal-*Istitut ta' Formazzjoni Pastorali* bil-hsieb li jaqdi r-realtajiet formattivi kollha fid-djoċesi u l-ħidma pastorali sħiħa fl-Arċidjoċesi, billi jservi ta' pont bejn il-ħidma ta' formazzjoni u l-ħidma pastorali. Il-grupp huwa magħmul minn saċerdot, Fr Andre Zaffarese; gradwat mill-Fakultà tat-Teologija, Mr Noel Bugeja; persuna mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali, Ms Sarah Cremona; u persuna imħarrga fil-Human Resources. Il-grupp jiltaqa' għalmenu tlett darbiet f'sena biex ikun jista' jirrifletti dwar l-orjentamenti formattivi u pastorali meħtiega. Il-grupp jirrapporta r-riflessjoni u l-ħidma tiegħu lill-Bord tal-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali. Bejn Frar u Ġunju il-grupp għamel stħarriġ sabiex jara kemm huma involuti pastoralment il-persuni li jagħmlu l-korsijiet kemm mil-IFP u mill-Faculta' tat-Teoloġija, u wkoll sabiex jidentifikaw persuni li forsi jixtiequ jagħtu s-servizz tagħhom però għandhom bżonn l-għajnuna. Fl-istess ħin sar ukoll stħarriġ bejn il-Kappillani ta' diversi lokalitajiet sabiex naraw x'jaħsbu dwar il-hidma tal-IFP u x'diffikultajiet jiltaqaw magħhom il-Kapppillani u nidentifikaw xi bżonnijiet aktar li hemm bżonn jiġu indirizzati.

8. Saret ħidma maż-Żgħażagh Azzjoni Kattolika biex żewġ korsijiet (*General Education Award in Youth Leadership* u *Certificate in Youth Leadership*) jissaħħu (b'mod partikolari permezz ta' elementi pastorali u ekklezjali) u jiġu rikonoxxuti mill-MQC.

9. Għall-ewwel darba se jiġi offrut il-kors *Ethics & Politics: The Call to Public Life.* Dan se jkun kors indirizzat b'mod speċjali lejn l-adulti u żgħażagħ interessati jew involuti fil-politika, fejn jistgħu jesploraw il-politika, il-fidi u l-etika. Dan ħa jkun mqassam fuq erba' weekends.

10. Kors iehor ġdid li se jkun offrut din is-sena huwa *Higher Education Award in Evangelisation in a Digital Age.* Se jiffoka fuq kif wieħed jista' juza' u jghix il-mezzi tat-teknoloġija filwaqt li jevanġelizza. Ha jkolli sezzjonijiet kemm prattiċi kif ukoll teoretiċi. Dan il-kors ha jsir b'kollaborazzjoni maċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni (ĊAK). Ħa jibda f' Ottubru u jibqa' sejjer sa Ġunju.

11. *Module on the Ministry of Liturgical Cantor,* huwa kors qasir ġdid ieħor li se jidhol aktar fil-fond fir-rwol tal-kant waqt il-lituġija. Il-kors se jkollu aspett kemm prattici kif ukoll teoretici. Ħa jitmexxa minn Rev. Dr Aurelio Mulè Stagno SDB u ħa jsir fi 13-il sezzjoni. Rev. Dr Aurelio Mulè Stagno se joffri wkoll kors fl-orgni liturgiku.

12. Ġie pprintjat *prospectus* ta' korsijiet għas-sena 2014-2015. Dan il-*prospectus* jinkludi l-*brochures* dwar 18-il kors jew inizjattiva kif ġej:

   - Ethics & Politics: A Call to Public Life (ġdid) – MQF livell 5 (propost)
   - Module on the Ministry of Liturgical Cantor (ġdid) – MQF livell 5 (propost)
   - The Human Experience of God in Prayer – An Experiential Course – MQF livell 4 (propost)
   - General Education Award in Evangelisation– MQF livell 4

- Higher Education Award in Evangelisation in a Digital Age (ġdid) – MQF livell 5 (propost)
- Higher Education Award in the Liturgy – MQF livell 5
- Higher Education Award in Family Ministry– MQF livell 5
- Higher Education Award in Adolescent and Youth Ministry – MQF livell 5
- Higher Education Award in Parish Nursing – MQF livell 6
- Higher Education Award in Missiology – MQF livell 5
- Higher Education Award in Catholic Social Teaching – MQF livell 5
- Higher Education Award in Christian Leadership – MQF livell 5
- Korsijiet tal-Moviment ta' Kana
- Korsijiet tas-Segretarjat għall-Katekeżi
- Korsijiet tal-Għaqda Biblika
- Korsijiet tal-Istitut Karmelitan
- Korsijiet tal-Istitut Agostinjan
- Korsijiet tal-Fakultà tat-Teologija
- Korsijiet tas-Segretarjat għall-Ħajja u l-Ħidma fil-Parroċċa

**PROPOSTI TA' ĦIDMA GĦAS-SENA 2014-15:**

1. Matul is-sena 2014-15 se jkunu offruti/mibdija dawn il-korsijiet:
   i. Ethics & Politics: A Call to Public Life (ġdid)
   ii. Module on the Ministry of Liturgical Cantor (ġdid)
   iii. The Human Experience of God in Prayer – An Experiential Course
   iv. General Education Award in Evangelisation
   v. Higher Education Award in Evangelisation in a Digital Age (ġdid)
   vi. Higher Education Award in the Liturgy
   vii. Higher Education Award in Family Ministry
   viii. Higher Education Award in Adolescent and Youth Ministry
   ix. Higher Education Award in Christian Leadership I
   x. Higher Education Award in Theology (ikompli) - – MQF livell 5
   xi. Higher Education Award in Parish Nursing
   xii. Higher Education Award in Missiology
   xiii. Higher Education Award in Catholic Social Teaching (ikompli)

2. Matul is-sena 2014-15 se jsiru dawn is-seminars
   a. Tlett seminars ta' on-going formation għall-Youth Leaders
   b. Ġimgħa għal Tiġdid Presbiterali

c. Seminar għall-Administrative and Professional Staff fil-qasam tad-Djakonija.

3. Fil-Palazz de Piro se jsir programm ta' riflessjonijiet minn *Converse at Palazzo de Piro* dwar il-Kostituzzjoni Maltija fid-dawl tad-domanda: 'X'Tip ta' Socjeta Rridu?'
4. Tkompli ssir ħidma biex il-*website* tiġi żviluppata fid-dawl tar-rikonoxximent tal-korsijiet mill-MQC, imma wkoll biex isservi ta' post għal djalogu bejn il-knisja u s-soċjetà, u biex il-*website* toffri ċentru ta' riżorsi kateketiċi u pastorali kemm formattivi u kemm informattivi skont l-inizjattiva "L-Univers tal-Fidi".
5. Tkompli r-riflessjoni u l-ħidma lejn l-introduzzjoni tal-ministri lajkali fid-Djoċesi.
6. Se jkompli jsir diskors mal-Segretarjat għall-Ħajja u Ħidma fil-Parroċċi biex jiġi żviluppat programm ta' formazzjoni li jgħin biex il-ħajja fil-parroċċi tkun dejjem iżjed imsejjsa fuq il-Kelma ta' Alla.
7. Se jsir irtir u '*reflect-in*' għall-membri tal-Bord bejn l-14 u s-16 ta' Lulju 2014 fiċ-Ċentru tal-Irtiri tal-*Brothers ta' De La Salle*, il-Mellieha.
8. Qed tkompli l-kolloborazzjoni ma' l-Istitut Karmelitan, l-Għaqda Biblika u ma' Istituti oħra li joffru korsijiet fi ħdan il-knisja.
9. Irridu nkomplu nikbru fl-identità u fl-ispiritwalità u fil-karizma tagħna bħala entità ekkleżjali.
10. Irridu nkomplu naħdmu biex il-korsijiet u s-seminars tagħna jkomplu jkunu esperjenza formattiva u ta' knisja għall-parteċipanti. Dan billi naraw kif kull partecipant ikollu/ha akkumpanjament spiritwali.

## XEWQAT TA' ĦIDMA

1. Nikkontribwixxu għal kultura ta' komunjoni u kollaborazzjoni akbar fi ħdan il-Knisja f'Malta.
2. Nistudjaw il-mod kif il-Knisja f'Malta qed tidher fil-*politika* u fil-*media* u nikkontribwixxu b'mod strateġiku u b'mod organiżżattiv f'dan il-qasam.
3. Naraw kif jista' jithaddmu *think-tank/s* li jirriflettu u li jipprovokaw aktar ħsieb u dinamiżmu fil-Knisja.
4. Inwaqqfu '*listening centre*' fejn persuni li jridu jikbru spiritwalment permezz ta' talb personali (mgħejjuna minn xi ħadd), direzzjoni spiritwali, jew qrar, ikunu jistgħu imorru. Din l-inizjattiva tista' tkun kumplimentata permezz ta' preżenza dejjiema u attwali tal-Knisja fuq l-*internet*.
5. Nizviluppaw korsijiet ta' formazzjoni fil-qasam tad-Djakonija.
6. Ngħinu fil-qasam ta' *spiritual counsellors* fl-iskejjel biex dawn ikunu mħarrġa aħjar u jkollhom riżorsi siewja għall-ħidma tagħhom.

7. Inkomplu noffru esperjenzi spiritwali profondi u sbieħ, lil kategoriji differenti ta' persuni, li jkunu ta' dawl fuq il-ħajja nisranija tagħhom. Dawn jistgħu jinkludu riferenza espliċità għall-kuntest kulturali u storiku malti.

**KONKLUŻJONI**

Bħala parti mill-Evanġelizazzjoni ġdida, l-IFP irid joffri formazzjoni li tfisser esperjenza tal-persuna tal-Mulej Ġesù ħaj fi ħdan il-Knisja u tar-rikkezza tal-fidi fih. Formazzjoni li tinkludi l-kuntatt mal-Iskrittura Mqaddsa, għarfien profond tad-dommi tal-fidi tagħna, esperjenza tas-sbuħija tal-liturġija, u riflessjoni personali dwar l-ispiritwalità, il-morali u t-tagħlim soċjali tal-Knisja. L-IFP irid jisieħeb ma' dan l-isforz formattiv ma' sforz li jfisser li ngħinu lil dak li jkun jitlob – irid jakkumpanja l-formazzjoni mill-qrib bi skola ta' talb. B'dan il-mod ikollna "Nsara li mhumiex arroganti jew li jgħaġġlu biex jitkellmu, imma rġiel u nisa li jafu r-reliġjon tagħhom, li jidħlu fil-fond, li jafu x'jemmnu u x'ma jemmnux, li jistgħu jaqsmu l-fidi tagħhom …. Irridu lajċi intelliġenti, istruwiti. Irriduhom iwessgħu l-għarfien tagħhom, li jikkultivaw ir-raġuni, li jindunaw bir-relazzjoni ta' verità ma' oħra …. Li jagħrfu r-relazzjoni bejn il-fidi u r-raġuni u l-pedamenti u l-prinċipji tal-Kattoliċiżmu" (John Henry Newman, *Omelija 9*, fi *Dmirijiet tal-Kattoliċi*, 1851). B'dan il-mod ikollna persuni li joffru l-Evanġelju b'mod personali billi jaqsmu, b'mod profond u konvinċenti, l-esperjenza tagħhom ta' fidi.

L-IFP irid ukoll jibni pontijiet ta' djalogu – li jfisser kemm xhieda u kemm smiegħ – ma' oqsma differenti fis-soċjetà.

L-IFP, matul iż-żmien li ilu jiffunzjona, fittex li jkun attent għall-ispirtu mogħti mis-Sinodu Djoċesan u jimxi fuqu. Fil-fatt, saret ħidma sabiħa fi spirtu ta' komunjoni vera. L-esperjenza s'issa kienet waħda pożittiva u tawgura tajjeb għall-ġejjieni, l-iktar meta jridu jiġu studjati u milqugħa sfidi ġodda li se jitolbu kemm kuraġġ u kemm umiltà biex, b'mod profetiku u b'tama sħiħa, jiġu affrontati minna bħala nsara.